



Min aktar jista' jgħinek?

Page content - 20/03/2018

Jekk l-Ombudsman ma jkunx jista' jgħin fil-kwistjoni li qed tiffaċċja, hemm korpi oħrajn li jistgħu jkunu ta' għajjnuna.

- Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew jindirizza petizzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, minn tħassib ambjentali għad-drittijiet taċ-ċittadini.

- Bħala "Gwardjana tat-Trattati", il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli biex tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw il-liġi tal-UE. Inti tista' tressaq ilment quddiem il-Kummissjoni jekk temmen li Stat Membru qed jikser il-liġi tal-UE.

- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data huwa awtorità superviżorja indipendenti ddedikata għall-protezzjoni tad-dta personali u l-privatezza. Jista' jiġġestixxi lmenti minn nies li jħossu li d-data personali tagħhom ġiet użata b'mod ħażin minn istituzzjoni jew korp Ewropew.

- SOLVIT huwa netwerk ikkoordinat mill-Kummissjoni Ewropea li jgħin lil dawk li jiffaċċjaw problemi bil-mod kif tiġi applikata l-liġi tas-suq intern tal-UE. L-uffiċċji nazzjonali ta' SOLVIT jgħinu biex jissolvew problemi transkonfinali bejn ċittadini jew negozji, minn naħa waħda, u l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, min-naħa l-oħra.

- Iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (f'kull Stat Membru tal-UE, kif ukoll fl-Iżlanda u n-Norveġja) jipprovdu pariri legali u prattiċi u appoġġ lill-konsumaturi dwar xiri u servizzi transkonfinali fi ħdan is-suq intern. Jistgħu jikkuntattjaw kumpaniji f'pajjiżi Ewropej oħrajn f'isem il-konsumaturi, konsumaturi diretti għal skema ta' solvien tat-tilwim, jew jipproponu soluzzjonijiet oħrajn.

- Jekk il-problema tiegħek tirrigwarda amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali jew reġjonali, il-membri rilevanti tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen jista' jkun ta' għajjnuna.